TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 107/18/F

**Nancy Briffa**

**vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

Illum 5 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija, u tnejn u ħamsin Ewro, u dsatax-il ċenteżmi (€752.19), rappreżentanti l-prezz ta' forn li wara li ġie nstallat u mqabbad, ħa n-nar.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant ta' l-istess soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat kċina mingħand is-soċjeta' ntimata u nklużi l-apppliances ukoll, u fosthom kien hemm cooker li meta dan il-cooker kien ġie nstallat u mqabbad, ħareġ in-nar minnu mall-ewwel, u li għalhekk ma tridx l-istess cooker.

Rappreżentant tas-soċjeta' ntimata ssottometta li ried ibiddel il-cooker b'xejn, pero' l-forn minn ġewwa kien ftit izgħar mill-forn ta' qabel għax dan iktar modern. Pero' r-rikorrenti m'aċċettatux.

It-Tribunal, ipprova jimmedja bejn il-partijiet ukoll sabiex isib soluzzjoni, pero' ma rnexxietx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jordna illi s-soċjeta' ntimata tinstalla u tqabbad il-forn il-ġdid li huwa ftit iżgħar minn ġewwa, pero' li huwa iktar modern, u fir-riżultat ta' dan in-nuqqas, qed jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas mitejn ewro (€200) lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, u b'dan illi l-forn li nħaraq jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jiġi mibdul u jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 107/18/F

**Nancy Briffa**

**vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

Illum 5 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija, u tnejn u ħamsin Ewro, u dsatax-il ċenteżmi (€752.19), rappreżentanti l-prezz ta' forn li wara li ġie nstallat u mqabbad, ħa n-nar.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant ta' l-istess soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat kċina mingħand is-soċjeta' ntimata u nklużi l-appppliances ukoll, u fosthom kien hemm cooker li meta dan il-cooker kien ġie nstallat u mqabbad, ħareġ in-nar minnu mall-ewwel, u li għalhekk ma tridx l-istess cooker.

Rappreżentant tas-soċjeta' ntimata ssottometta li ried ibiddel il-cooker b'xejn, pero' l-forn minn ġewwa kien ftit izgħar mill-forn ta' qabel għax dan iktar modern. Pero' r-rikorrenti m'aċċettatux.

It-Tribunal, ipprova jimmedja bejn il-partijiet ukoll sabiex isib soluzzjoni, pero' ma rnexxietx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jordna illi s-soċjeta' ntimata tinstalla u tqabbad il-forn il-ġdid li huwa ftit iżgħar minn ġewwa, pero' li huwa iktar modern, u fir-riżultat ta' dan in-nuqqas, qed jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas mitejn ewro (€200) lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, u b'dan illi l-forn li nħaraq jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jiġi mibdul u jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888